# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 7 ta' Ottubru 2024**

**Numru: 16**

**Rikors numru 294/2020/1 FDP**

**Ali Taher Ab Mohammed Saleh (Permess ta' residenza numru MT 2604079) u Passaport Libjan bin-numru PIL 794N3**

**v.**

**L-Avukat tal-Istat u**

**L-Awtorità għat-Trasport f'Malta**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-attur minn sentenza mogħtija fil-31 ta' Ottubru 2023, li permezz tagħha, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), filwaqt li ddikjarat li l-Awtorità għat-Trasport f'Malta mhijiex il-leġittimu kontradittur, laqgħet l-eċċezzjonijiet fil-mertu tal-Avukat tal-Istat, u ċaħdet it-talbiet kollha tar-rikorrenti, bl-ispejjeż

kollha a karigu tar-rikorrenti.

**A. Fatti**

2. L-appellant huwa ta' nazzjonalità Libjana, u flimkien mal-familja tiegħu wasal f'Malta f'Awwissu tas-sena 2014. Sussegwentement, fit-8 ta' Ottubru 2015, ir-rikorrenti ġab f'Malta l-vettura privata tiegħu tal-għamla *Kia Carnival*, bin-numru ta' reġistrazzjoni S-1540962. Din il-vettura kienet oriġinarjament reġistrata l-Libja. Fit-22 ta' Ġunju tas-sena 2016, u ċioè ċirca tmien (8) xhur wara wasla tal-vettura mil-Libja f'Malta, ir-rikorrenti ġie mwaqqaf f' Ta' Sliema minn uffiċjali tal-Awtorità. L-vettura ġiet miżmuma mill-Awtorità għat-Trasport u għadha miżmuma fil-*compound* tal-istess Awtorità sal-lum billi ma kienx tħallas id-dazju tal-importazzjoni fuq il-vettura.

3. Fid-9 ta' Settembru 2016, ressaq Mandat ta' Inibizzjoni kawtelatorju kontra l-Awtorità fl-ismijiet ***"Dr. Dorita Debono bħala mandatarja ta' Ali Taher Ab Mohammed Saleh vs Transport Malta*** *Mandat Numru 1311/2016 JZM",* fejn talab illi l-Awtorità tinżamm milli tipproċedi bil-bejgħ tal-vettura b'irkant u dana wara li l-vettura tal-appellant permezz ta' avviż fuq il-Gazetta tal-Gvern tad-9 ta' Awwissu 2016 tpoġġiet għal bejgħ b'irkant u dan *a tenur* tal-Liġi Sussidjarja 65.13 Klampjar u Tneħħija ta' Vetturi bil-Mutur u Oġġetti ta' Ingombru. Permezz

ta' digriet tad-9 ta' Settembru 2016, il-mandat ta’ inibizzjoni kawtelatorju ntlaqa' provviżorjament.

4. Permezz ta’ nota datata 25 ta’ Ottubru 2016, il-mandat ta’ inibizzjoni kawtelatorju ġie ċedut mir-rikorrenti u dana wara li l-Awtorità ntrabtet li ma tgħaddix għall-bejgħ tal-vettura, sakemm il-proċeduri ta’ stħarriġ ġudizzjarju bin-numru Nru 952/2016, fl-istess ismijiet mibnija mill-appellant nhar l-24 ta’ Ottubru 2016, jiġu deċiżi. Fil-mori, l-appellant tressaq ukoll quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali. Dawn il-proċeduri jinsabu differiti pendenti l-eżitu tal-proċeduri odjerni

5. Permezz ta’ sentenza datata 23 ta’ Jannar 2020 il-proċeduri bin-numru 952/2016 ġew deċiżi kontra r-rikorrent. Minn din is-sentenza ma sar l-ebda appell b’dana illi s-sentenza tat-23 ta’ Jannar 2020 hija *res judicata*. Sussegwentement ir-rikorrenti għadda biex ressaq proċeduri ta’ indoli kostituzzjonali u konvenzjonali quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali).

**B. Proċeduri quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali)**

6. B’rikors preżentat nhar l-14 ta’ Diċembru 2020, ir-rikorrenti talab lill-Ewwel Qorti *inter alia* tiddikjara illi t-taxxa ta’ reġistrazzjoni imposta skont

il-Kap 368 tal-Liġijiet ta' Malta fuq vetturi importati minn pajjiżi terzi, mhix raġonevoli u proporzjonata, u l-konsegwenti ordni ta' konfiska tal-vettura tiegħu sarfu fi ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem. Ir-rikorrenti ilmenta wkoll minn vjolazzjoni tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, u l-Artikoli 6 u 13 tal-Konvenzjoni. Talab lill-Ewwel Qorti tiffissa u tillikwida kumpens pekunjarju u non-pekunjarju għall-ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu.

7. B'risposta ppreżentata nhar it-8 ta' Jannar 2021, l-Awtorità għat-Trasport f'Malta preliminarjament eċċepiet illi r-rikorrenti naqas milli jagħmel użu mir-rimedju ordinarju li tagħtih il-liġi billi naqas milli jappella mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Jannar 2020. L-Awtorità intimata żiedet illi hi mhijiex il-leġittimu kontradittur fir-rigward tat-tielet, il-ħames, is-sitt u s-seba' talba kif dedotti fir-rikors promotur. Fil-mertu l-Awtorità *inter alia* affermat illi mhuwiex minnu li ġew leżi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif protetti bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

8. Permezz ta' risposta intavolata nhar l-20 ta' Jannar 2021, l-Avukat tal-Istat, sostanzjalment wieġeb illi safejn l-ilment tar-rikorrenti jirrigwarda l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, u l-Artikolu 37

tal-Kostituzzjoni, huwa insostenibbli. Dwar l-allegat sproporzjon fir-rata tat-taxxa, din tiġi kkalkolata *ai termini* tar-regolamenti u l-Kapitolu 368 tal-Liġijiet ta' Malta skont il-valur oriġinali tal-vettura, u mhix leżiva tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent. Iżid illi lanqas ma jsib applikazzjoni l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni.

9. B'sentenza mogħtija nhar il-31 ta' Ottubru 2023, l-Ewwel Qorti ddeċidiet illi filwaqt li ddikjarat li l-Awtorità għat-Trasport f'Malta mhijiex il-leġittimu kontradittur, laqgħet l-eċċezzjonijiet fil-mertu tal-Avukat tal-Istat, u caħdet it-talbiet kollha tar-rikorrenti, u ordnat illi l-ispejjes għandhom ikunu a karigu tar-rikorrent.

## C. Liġi applikabbli għal *fattispecie* taċ-ċirkostanzi odjerni:

### Kap 368:<br>L-Att Dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur

Artikolu 22A:

> *"22A. Kull meta uffiċjal tal-Pulizija jew Uffiċjal tal-Infurzar tal-Awtorità jissuspetta raġonevolment li -(a) vettura bil-mutur ma ġietx reġistrata skont dan l-Att,jew(b) vettura bil-mutur ġiet mibdula u ma ingħatax avviż rigward il-bidla fil-klassifikazzjoni skont l-Artikolu 10, jew(ċ) xi taxxa ta' reġistrazzjoni fir-rigward tal-vettura ma ġietx imħallsa, Kap. 65. l-uffiċjal jista' jżomm il-vettura u jista' jordna t-tneħħija tal-imsemmija vettura skont id-disposizzjonjiet tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku jew ir-regolamenti magħmula taħtha."*

### Ligi Sussidjarja 65.13<br>Klampjar u Tneħħija ta' Vetturi Bil-Mutur u Oġġetti ta' Ingombru

> *4(2) Il-Kummissarju jew l-Awtorità jew il-Kunsill jew l-Aġenzija jistgħu wkoll jneħħu, jaħżnu u jiddisponu jew iqiegħdu klampi mar-roti ta':*

*(d) kull vettura bil-mutur bi pjanċi ta' reġistrazzjoni barranin li ma tkunx debitament liċenzjata għall-użu fit-triq f'Malta;*

*(e) kull vettura bil-mutur, kemm jekk bi pjanċi ta' reġistrazzjoni Maltin jew barranin, li ma tkunx konformi mal-liġijiet u r-regolamenti kollha applikabbli sabiex tali vettura tkun tista' tintuża fit-triq f'Malta skont il-liġi; u*

*8.(1) Il-Kummissarju jew l-Awtorità jew il-Kunsill jew l-Aġenzija għandhom jordnaw il-bejgħ ta' oġġett ta' ingombru jew ta' vettura bil-mutur, inkluż vettura abbandunata, meta l-oġġett ta' ingombru ma jitteħidx lura mis-sid leġittimu tiegħu u meta l-vettura bil-mutur ma titteħidx lura mill-persuna li għandha f'isimha ċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni fi żmien sebat (7) ijiem mid-data li fiha jitwaħħal avviż ta' tneħħija fuq l-oġġett ta' ingombru jew fuq il-vettura bil-mutur jew mid-data li fiha avviż ta' tneħħija jiġi ppubblikat fil-websajt tal-entità li tkun neħħiet l-oġġett ta' ingombru jew il-vettura bil-mutur, skont liema data tiġi l-aħħar, li bih isejjaħ lil dak is-sid jew lil dik il-persuna li għandha f'isimha ċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni, skont il-każ, sabiex jieħu lura dak l-oġġett jew vettura bil-mutur wara li jġib prova tat-titolu tiegħu għaldak l-oġġett jew iġib prova li għandu f'ismu ċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-vettura bil-mutur:*

*(3) Kull bejgħ li jsir skont is-subregolament (1) għandu jsir jew b'irkant pubbliku jew wara sejħa għall-offerti.*

*10. Kull miżura li tittieħed mill-Kummissarju jew mill-Awtorità jew mill-Kunsill jew l-Aġenzija skont dawn ir-regolamenti tkun bla preġudizzju għal kull azzjoni kriminali jew ċivili oħra.*

## D. L-Appell:

10. L-attur ħassu aggravat mid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti u ressaq appell nhar l-20 ta' Novembru 2023, fejn talab lil din il-Qorti "*tirrevoka s-sentenza appellata, tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-appellati u minflok tilqa' t-talbiet kollha tal-appellant.*"

11. L-Awtorità għat-Trasport f'Malta permezz ta' risposta intavolata nhar is-27 ta' Novembru 2023, sostniet illi s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija

waħda ġusta u timmerita illi tiġi kkonfermata, filwaqt li l-appell tar-rikorrenti għandu jiġi miċħud. L-Awtorità affermat illi hi mhijiex il-leġittima kontradittriċi fir-rigward tat-tieni ilment u ċioè dak rigwardanti d-dewmien tal-proċeduri. Argumentat illi fir-rigward l-aggravju li jirrigwarda l-applikabilità tal-Kapitolu 368 tal-Liġijiet ta' Malta, il-kontradittur għal tali lanjanza ma tistax tkun l-Awtorità ġialdarba mhux Awtorità li tippromulga l-liġi.

12. L-Avukat tal-Istat wieġeb għall-appell tar-rikorrenti fil-5 ta' Diċembru 2023 u *inter alia* rrileva illi s-sentenza tal-Ewwel Qorti timmerita li tiġi konfermata *in toto.* Illi fir-rigward l-aggravju ewlieni, jirrileva illi dan huwa improponibbli *stante* li ma jistax jitressaq aggravju minn kap ta' deċiżjoni li hija favur l-appellant stess. Iżid illi l-Ewwel Qorti kellha raġun li tillibera lil Awtorità mill-osservanza tal-ġudizzju għaliex l-Awtorità ma tistax twieġeb għal mod ta' kif inhi miktuba l-liġi u illi l-ebda dritt fondamentali tar-rikorrenti ma ġie leż iżda kien l-aġir tar-rikorrenti li wasal għal dan kollu.

*L-Ewwel Aggravju:*

13. L-ewwel aggravju huwa mibni fuq żewg binarji u jitratta (i) dak deċiż mill-Ewwel Qorti fir-rigward l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Awtorità fejn eċċepiet illi l-Ewwel Qorti ma kellhiex tistħarreġ il-kawża kif proponuta minnu minħabba dak li jipprovdu l-*provisos* għall-Artikoli 4 tal-

Kap 319 u 46 tal-Kostituzzjoni u (ii) dak deċiż mill-Ewwel Qorti fir-rigward dak sostnut mill-appellant b'rabta mal-allegata vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tiegħu taħt l-Artikolu 13 ta' l-Konvenzjoni Ewropea.

14. Il-Qorti tosserva illi effettivament fir-rigward l-ewwel punt, l-Ewwel Qorti ċaħdet din l-ewwel eċċezzjoni u qablet ma' dak sottomess mill-appellant f'dan ir-rigward:

> *"L-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Awtorita ghat-Trasport, hija li r-rikorrent naqas milli juża r-rimedju ordinarju effettiv li ttih il-liġi, billi ma appellax mis-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-23 ta' Jannar 2020 fil-kawża fl-ismijiet Dr. Dorita Debono noe vs l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta (Rikors numru 952/16JRM).*
>
> *Illi huwa minnu li r-rikorrent ma appellax mis-sentenza deċiża mil-Prim' Awla Qorti Ċivili suċitata, fatt minnu stess ammess. Madankollu, din il-Qorti tosserva li l-fatt li ma appellax minn din is-sentenza ma jfissirx li huwa ma eżawriex ir-rimedju ordinarju. Ilfatt li huwa ma appellax minn din is-sentenza ifisser li huwa aċċetta l-konklużjoni f'dik is-sentenza iżda ma jistax jitqies illi huwa tilef id-dritt sabiex jipproteġi d-drittijiet fundamentali tiegħu b'tali deċiżjoni.*
>
> *Għaldaqstant, tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta."*

15. Illi għalhekk u sa fejn dan l-aggravju jikkonċerna dan il-punt, din il-Qorti taqbel mal-pożiżjoni tal-Avukat tal-Istat, illi l-appellant ma jistax iressaq aggravju minn kap ta' deċiżjoni li ġie deċiz favur l-appellant stess.

16. Fir-rigward it-tieni punt, din il-Qorti rat illi l-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti kostatazzjonijiet:

*"Dwar nuqqas ta' rimedji, r-rikorrent, permezz tas-seba' talba, isostni li huwa sofra vjolazzjoni ta' dritt fundamentali taht l-Artikolu 13 ta' l-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319), billi huwa ma kellux rimedju effettiv ghal-lanjanzi tiegħu taht il-Kapitolu 368 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Dwar id-dritt għal rimedju effettiv, din il-Qorti tqis illi jkun opportun tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet Kudla vs Poland deċiża fis-6 ta' Ottubru 2000, fejn il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, irrilevat is-segwenti: "The effect of article 13 is thus to require the provision of a domestic remedy to deal with the substance of an 'arguable complaint' under the Convention and to grant appropriate relief. The 'effectiveness' of a 'remedy' within the meaning of Article 13 does not depend on the certainty of a favourable outcome for the applicant. Nor does the 'authority' referred to in that provision necessarily have to be a judicial authority, but if it is not, its powers and the guarantees which it affords are relevant in determining whether the remedy before it is effective. Also, even if a single remedy does not by itself entirely satisfy the requirements of Article 13, the aggregate of remedies provided for under domestic law, may do so."*

*Applikat dak fuq indikat għall-każ odjern, jidher ċar li mhuwiex minnu meta r-rikorrent qed jilmenta li m' għandux rimedju effettiv. Huwa kellu kemm rimedju speċifiku, billi ipproċeda b'kawża dwar stħarriġ ta' egħmil amministrattiv. Jidher evidentement li huwa ma appellax mid-deċiżjoni fil-kawża ir-rikors numru 952/2016JRM. Inoltre`, kellu wkoll ir-rimedju ġenerali li jipproċedi kif fil-fatt għamel, permezz tal-każ odjern,sabiex jiġi mistħarreġ jekk effettivament kienx hemm ksur tad-drittijiet tiegħu jew le. Għalhekk, l-ilment tar-rikorrent a tenur ta' l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea mhuwiex ġustifikat.*

*Konsegwentement, tiċħad is-seba' talba tar-rikorrent."*

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:

17. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fir-rikors bin-numru: 952/2016 JRM fl-ismijiet ***Dr Dorita Debono bħala mandatarja speċjali ta' Ali Taher Ab Mohammed Saleh vs L-Awtorità għat-Trasport f' Malta*** għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Illi safejn l-attur jgħid li l-każ tiegħu jinbena fuq linkostituzzjonalità tal-għemil amministrattiv, din il-Qorti taħseb li l-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju mnedija minnu mhijiex il-mod kif ilment bħal dak ikun*

*mistħarreġ. Illum il-ġurnata huwa aċċettat illi għalkemm f'att li bih tinbeda kawża jsiru riferenzi għall-ksur ta' jeddijiet fundamentali, u għalkemm il-Qorti trid tħares id-drittijiet kollha magħduda dawk li jħarsu d-drittijiet fundamentali, xorta waħda tgħid li proċeduri li jinbdew quddiemha għandhom jitqiesu li huma proċeduri istitwiti taħt il-liġi ordinarja u mhux taħt il-proċedura li tirregola kawżi dwar drittijiet fundamentali tal-bniedem. Jingħad ukoll li azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju ma għandhiex tieħu l-post u lanqas titqies bħallikieku kienet azzjoni kostituzzjonali (jew konvenzjonali).*

*Minbarra dan, ir-rimedju li jista' jingħata f'kawża kostituzzjonali jidher li jkun usa' minn dak li jista' jingħata lirrikorrenti f'kawża bħal din, jiġifieri dik ta' stħarriġ ġudizzjarju; Illi fit-tieni lok, il-Qrati wrew li huma disposti li jikkonsidraw ilmenti relatati mad-drittijiet fundamentali f'każ fejn m'hemmx rimedju ieħor. Is-setgħat li l-liġi tagħti lill-Qrati f'azzjonijiet bħal din iridu jitwettqu filparametri preċiżi li tistabilixxi l-liġi speċjali.*

*Min-naħa l-oħra, fejn din il-Qorti tissejjaħ biex twettaq is-setgħa tagħha li tistħarreġ għemil ta' xi awtorità pubblika, u x'aktarx minħabba li dan l-istħarriġ huwa r-rimedju waħdieni li jingħata lil min iħossu mġarrab b'dak l-għemil, din għandha twettaqha safejn possibbli u safejn il-liġi ma teskludihiex milli tindaħal, u għandha tagħti lillesklużjoni tifsira mill-idjaq kontra li terħi milli twettaq is-setgħat tagħha;*

*Illi fit-tielet lok, il-Qorti tqis li l-azzjoni "ordinarja" ta' stħarriġ ġudizzjarju u dik straordinarja ta' lment dwar ksur ta' jedd fundamentali ma jmorrux flimkien. Il-Qrati tagħna diġà stħarrġu l-kwestjoni u kienu ġeneralment ċari dwarha;*

*Illi bilkemm għandu għalfejn jingħad li azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma tistax tistħarreġ liġi, billi liġi ma tista' bl-ebda mod tinġabar taħt it-tifsira ta' "egħmil amministrattiv" dwar allegati ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu bħala dawk li jaqgħu taħt għemil amministrattiv li "jikser il-Kostituzzjoni" għall-finijiet tal-Artikolu 469A(1)(a) tal-Kapitolu 12 talLiġijiet ta' Malta, u dan bla ħsara għal kull jedd ta' kisba ta' rimedju ieħor spettanti lilu f'sede oħra;*

*Illi l-Qorti għaldaqstant ma tarax li tista' tistħarreġ aktar l-ilment ta' l-attur;"*

18. Din il-Qorti kellha diversi opportunitajiet sabiex tistħarreġ din il-materja, fosthom fis-sentenza fl-ismijiet ***Perit Ian Cuatjar et vs Avukat tal-Istat et*** deċiża nhar is-6 ta' Ottubru 2020.

19. Illi fl-imsemmija sentenza l-Qorti rriteniet illi:

> *"il-proċeduri kostituzzjonali huma fihom infushom rimedju effettiv għall-ilment dwar id-drittijiet fundamentali li l-atturi qegħdin jinvokaw u jsostnu li inkisru.[1]"*

20. Filwaqt illi din il-Qorti tissottolinea l-insenjamenti su-ċitati u tafferma l-applikazzjoni tagħhom għall-fatti odjerni, tagħraf illi l-fatt li l-appellant għażel illi ma jintavolax appell mill-proċeduri ta' stħarriġġ ġudizzjarju, u minflok intavola proċeduri ta' natura kostituzzjonali u konvenzjonali quddiem l-Ewwel Qorti, ikompli jindika illi l-qafas legali domestiku jipprovdi lill-ilmentatur b'diversità ta' rimedji; kemm dawk ordinarji (u ċioè ta' natura intrinsikament ċivili) u kif ukoll rimedji straordinarji bħall-kawza in kwistjoni u jekk jinstab li ġew leżi d-drittijiet tiegħu, din il-Qorti għandha s-setgħa li tipprovdi rimedju effettiv.

21. Illi għalhekk dana l-aggravju kif impost mhuwiex fondat.

*It-Tieni Aggravju*

22. Illi permezz tat-tieni aggravju, l-appellant jisħaq illi l-Ewwel Qorti ma kinitx korretta meta sabet illi l-Awtorità mhijiex il-leġittima kontradittur. Isostni illi hu mhuwiex jattakka l-legalità tal-Kap 368 tal-Liġijiet ta' Malta, imma l-element tal-proporzjonalità fil-liġi dwar ir-reġistrazzjoni kif applikata fil-kaz tal-appellant.

[1] Fuq dan il-punt ara wkoll **Angela *sive* Gina Balzan vs Av L-Onorevoli Prim Ministru et** deciza nhar il-31 ta' Jannar 2019.

23. Illi l-Awtorità targumenta illi ġialadarba l-appellant kien qiegħed jattakka l-kostituzzjonalità *o meno* ta' liġi, żgur illi l-kontradittur għal tali lanjanza ma tistax tkun l-Awtorità, *stante* illi hi ma tippromulgax il-liġi, b'dana illi hija biss ir-regolatur li tħaddem u tapplika l-provvedimenti tal-imsemmi Kapitolu 368.

24. Illi l-Avukat tal-Istat jargumenta illi l-Ewwel Qorti kienet korretta meta lliberat lill-Awtorità mill-osservanza tal-ġudizzju, *stante* li l-Awtorità ma tistax twieġeb għall-mod kif inhi miktuba l-liġi iżda biss għal xi aġir tagħha. Żied illi huwa risaput illi meta leżjoni tirriżulta abbażi ta' xi liġi, għal dan iwieġeb l-Avukat tal-Istat, b'dana illi meta leżjoni tirriżulta abbażi ta' xi għemil, għal dan twieġeb l-Awtorità.

25. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet rigward dan il-punt:

> *"Tramite it-tielet eċċezzjoni preliminari l-Awtorità sostniet li, b'referenza partikolari għat-tielet, il-ħames u s-seba' talbiet tar-rikorrenti, kif ukoll dawk anċillari, fejn irrikorrent qed jattakka l-validita tal-liġi, ossija l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, l-Awtorità mhijiex il-leġittimu kontradittur, għaliex l-Awtorità hija biss regolatur, u ma tippromulgax ebda liġijiet.*
>
> *Jirriżulta, mill-provi, li effettivament l-Awtorità għat-Trasport f'Malta hija responsabbli biex tħaddem u tapplika l-liġi, u ma hijiex responsabbli sabiex tippromulga Liġijiet, stante li l-leġiżlazzjoni issir esklussivament mil-leġiżlatur.*
>
> *Fil-każ in eżami, huwa evidenti li permezz fit-talbiet tiegħu, ir-rikorrent jattakka direttament il-kostituzzjonalita` tal-Kapitolu 368 tal-Liġijiet ta'*

*Malta, ossija l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-mutur, fejn qed jilmenta li il-liġi mhijiex raġonevoli u proporzjonata f'każ ta' vettura mixtrija u rreġistrata minn pajjiż li mhuwiex membru tal-Unjoni Ewropea, peress li l-valur fis-suq ta' l-istess vettura in kwistjoni ikun ferm anqas mit-taxxa imposta mil-liġi.*

*Omissis*

*Jirriżulta wkoll illi t-talbiet l-oħra huma lkoll anċillari għat-talbiet ta' ksur kif fuq aħjar deskritti, liema talbiet lkoll jirrigwardaw l-leġislazzjoni kif promulgata u mhux fuq xi azzjoni tal-Awtorità.*

*Huwa ċar illi, għaldaqstant, din il-Qorti, ser tilqa' it-tielet eċċezzjoni preliminari talAwtorità għat-Trasport f'Malta u tiddikjara li, l-Awtorità għat-Trasport f'Malta mhijiex il-leġittimu kontradittur."*

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:

26. Ġie ritenut minn din il-Qorti kif diversament komposta fis-sentenza ***Glen Bedingfield vs Kummissarju tal-Pulizija et*** deċiża nhar il-31 ta' Lulju 2000 illi:

*"…Il-Qorti tikkonsidra li biex tiddetermina min huma l-legittimi kontradditturi tar-rikorrent kellha tqis qabel xejn it-talba minnu proposta fir-rikors promotur biex minnha tistabilixxi min kellu fil-ligi jirrispondi ghaliha.*

*Omissis*

*Din il-Qorti tifhem illi fil-waqt li hu mehtieg li jigu identifikati min kienu l-legittimi kontradituri ta' l-appellant fil-prezenti rikors u min kienu allura dawk il-persuni li kellhom interess gjuridiku li jkunu partijiet fil-kawza u li jirrispondu ghall-allegazzjonijiet ta' l-appellant u ghat-talba minnu proposta, tapprezza wkoll gustament li dan l-aspett procedurali fir-rikors kostituzzjonali u anke fi proceduri ohrajn, gie bi propozitu simplifikat u ghandu jkompli jigi simplifikat specjalment fejn si tratta ta' rapprezentanza ta' dikasteri diveri ta' l-Ezekuttiv.*

*Diga' ntqal minn din il-Qorti - u dan tirribadih - illi f'materja kostituzzjonali il-Qorti ma kenitx thossha marbuta b'regoli stretti ta' procedura dwar min kien legittimu kontradittur tar-rikorrent.*

*Omissis*

*Dana mhux biss biex tassigura speditezza u kjarezza fil-process kostituzzjonali, imma wkoll biex tassigura li taht l-ebda cirkostanza u bl-ebda manigg procedurali ma jigri li min kellu jirrispondi ghall-vjolazzjoni tal-jedd fondamentali ma jigix hekk imgieghel li jirrispondi minnufih.*

*Fil-kawza "Joseph Abela vs Onorevoli Prim Ministru et" deciza fis-7 ta' Dicembru 1990 (Vol LXXIV pg 261) li segwiet il-konsiderazzjonijiet fil-kawza "Ramesh Chetenram Sharma et vs Avukat Generali et" (Vol LXXIII pg 105), f'liema insenjament gie stabbilit illi f'kawza mertu dwar vjolazzjonijiet ta' drittijiet fondamentali kien hemm tlett tipi ta' konvenuti. "1. L-ewwel kategorija tikkomprendi dak li huwa allegat li huma direttament jew indirettament responsabbli ghall-komissjoni jew ommissjoni ta' xi fatt li jikser xi dritt fondamentali protett mil-ligi; 2. Fit-tieni kategorika huma dawk illi ghall-ommissjonijiet jew komissjonijiet tal-persuni ta' l-ewwel kategorija jistghu jkunu responsabbi biex jaghtu jew ifornixxu r-rimedju li ssentenza li takkolji l-lament tal-ksur tad-dritt fondamentali tissanzjona; 3. Fit-tielet kategorija imbaghad hemm dawk il-partijiet kollha li jkunu in kawza meta l-kwistjoni kostituzzjonali tinqala' fuq jew waqt xi proceduri gjudizzjarji."*

27. Il-Qorti tosserva illi permezz tat-talbiet numru tlieta, erbgħa, hamsa, sitta, u sebgħa, hekk kif dedotti fir-rikors promotur, l-appellant (dak iż-żmien, ir-rikorrenti) talab dikjarazzjoni da parti tal-Qorti illi *l-liġi* minnu impunjata hija *inter alia* karenti mill-elementi ta' proporzjonalità u raġionevolezza. Illi huwa evidenti illi *tramite* dawn it-talbiet, l-appellant mhuwiex qiegħed jattakka l-għemil speċifiku tal-Awtorità intimata, kif għamel permezz ta' numru ta' talbiet fil-proċeduri ta' stħarriġġ ġudizzjarju quddiem il-Prim'Awla, iżda qiegħed jattakka *s-sors* li permezz tiegħu l-Awtorità intimata ġiet vestita bid-diversi setgħat kontemplati fil-Kapitolu 368. Illi għal dan is-sors, iwieġeb l-Avukat tal-Istat u mhux l-Awtorità.[2]

[2] Fis-sentenza su-citata u cioè **Glen Bedingfield vs Kummissarju tal-Pulizija et** deciza nhar il-31 ta' Lulju 2000 gie affermat illi: *"Issa hu car illi kawza li fiha tintalab dikjarazzjoni illi ligi ma kentix konformi mal-Kostituzzjoni, ma setghetx tigi diretta kontra xi wiehed jew aktar mill-Kapijiet tad-Dipartimenti l-ohra tal-Gvern kif ma setghetx tigi diretta ovvjament kontra l-Accountant General, is-Segretarju Amminstrattiv u d-Direttur talKuntratti fit-termini tal-proviso ta' l-istess subinciz (1) ta' dak l-Artikolu ( u cioe Art 181 tal-Kap 12)…. Kienet invece skorretta fejn illiberat lill-Avukat Generali mill-osservanza talgudizzju ghaliex certament hu l-Avukat Generali li kellu*

28. L-istess jingħad għat-talbiet numru tmienja u disgħa, li jirrigwardaw il-kumpens u l-likwidazzjoni tal-istess. Illi *ormai* huwa ben stabbilit illi huwa l-Istat, rappreżentat mill-Avukat tal-Istat, illi għandu jiġi mgħobbi b'dan il-piż. Madankollu kienet l-Awtorità li ħarġet l-ordni għal bejgħ tal-vettura u l-għaxar talba hi sabiex il-Qorti tordna r-revoka tal-ordni li tat l-Awtorità u r-rilaxx tal-vettura fil-permess tagħha. Dawn huma talbiet diretti lejn l-eżekuzzjoni ta' dak li tipprovdi l-liġi fdata f'idejn l-Awtorità. Għal uħud mit-talbiet għalhekk l-Awtorità hi legittimu kontradittriċi u l-aggravju qiegħed jiġi milqugħ f'dan is-sens.

***It-Tielet u r-Raba' Aggravju***

29. Permezz tat-tielet u r-raba' aggravju, l-appellant jilmenta minn vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tiegħu hekk kif sanċiti fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll, u vjolazzjoni tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. Jirrileva wkoll illi l-konfiska tal-vettura tiegħu mill-Awtorità wkoll tilledi d-dritt protett bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Iżid illi l-Ewwel Qorti kellha tidħol fil-mertu tat-tħaddim tal-Kap 368 u li kieku għamlet dan, kien joħroġ biċ-ċar illi hemm nuqqas ta' proporzjonalità fit-taxxa imposta.

---

*jirrispondi almenu ghal dik il-parti tal-lanjanza kostituzzjonali li tattakka l-validita' ta' provvediment legislattiv."*

30. L-Avukat tal-Istat argumenta illi l-Ewwel Qorti kellha qabel xejn teżamina jekk l-Kap 368 huwiex soġġett għall-Artikoli 37 tal-Kostituzzjoni u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni *stante* illi l-Kap 368 ma jaqax taħt id-dispożizzjonijiet tal-imsemmija Artikolu, anzi huwa eskluż mill-applikazzjoni tal-istess dispożizzjoni. Fir-rigward il-konfiska, afferma illi din saret skont id-dettami tal-liġi u li din kienet konsegwenza minħabba n-nuqqas da parti tal-appellant illi jaderixxi mal-liġi u jħallas it-taxxa dovuta.

31. Illi l-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"39. Għalhekk, il-Qorti tqis illi l-azzjoni meħuda fil-konfront tar-rikorrent kollu sar skont id-dettami tal-liġi, filwaqt illi tosserva li l-Istat għandu d-dritt li jiffissa t-taxxi ippromulgati fil-liġijiet, liema liġijiet għandhom jiġu osservati minn kulħadd – inkluż ir-rikorrent!*
>
> *Omissis*
>
> *42. Dwar l-ilment tar-rikorrent fejn jirrigwarda prinċipalment l-attakk dirett dwar ilkostituzzjonalità tal-Kapitolu 368 tal-Liġijiet ta' Malta, kif indikati fit-tielet u raba' talba, din il-Qorti tagħmel referenza għal ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea għadDrittijiet Fundamentali tal-Bniedem, fil-każ Gasus Dosier-Und Foreartechnik GMBH vs The Netherlands, (Application number 15375/89) deċiża fit-23 ta' Frar 1995, fejn ġie meqjus li l-ħlas ta' taxxa huwa ġustifikat taħt l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tad-Drittijiet tal-Bniedem, għaliex huwa dritt ta' kull Stat membru li jilleġislaw għall-finijiet ta' taxxi sabiex jassiguraw li l-ħlas tattaxxi għandu jiġi osservat. Għalhekk, il-ħlas ta' taxxa ma għandhiex tiftiehem li tolqot it-tħaddim tal-liġi fejn tipprovdi teħid ta' pussess ta' propjeta'. Dan ifisser li l-liġijiet li jipprovdu għall-ħlas tat-taxxi jridu jiżguraw li l-ħlas ta' taxxi jkun aċċessibbli u prevedibbli, fit-termini użati mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.*
>
> *43. Ikkunsidrati il-fatti u ċirkostanzi ta' dan il-każ, bl-ebda mod ma jista' jingħad li l-liġi li r-rikorrenti qed jattakka permezz tal-proċeduri odjerni,*

*ossija il-Kapitolu 368, mhuwiex konformi mal-kriterji tal-liġi fl-ambitu ta' l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-liġi Ewropea.*

*44. Għaldaqstant, din il-Qorti hija tal-fehma li ma jeżisti ebda sproporzjon fid-dispożizzjonijiet legali senjatament indikati fil-Kapitolu 368 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*45. Referibbilment għall-ilment dwar il-konfiska, kif diġà stabbilit, din hija ovvjament maħsuba biex tiżgura l-ħlas tat-taxxi fuq il-vetturi impurtati u għalhekk, ma jistax jingħad li l-ħlas ta' taxxa imposta bil-liġi u l-konsegwenza tal-konfiska tal-vettura f'każ li ma titħallasx it-taxxa, l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.*

*46. Konsegwentement, din il-Qorti ser tiċħad it-tielet u r-raba' talba tar-rikorrent."*

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:**

32. B'referenza għall-argument tal-Avukat tal-Istat, li l-Kap 368 ma jaqax taħt id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 37 tal-Kostituzzjoni u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, ġie ritenut illi:

*"The Court notes at the outset that the impugned interference was justifiable under the second paragraph of Article 1 of Protocol No. 1, which expressly excludes from the general rule the payment of taxes or other contributions or penalties (see Phillips, cited above, § 51, and, with respect to taxation, Buffalo S.r.l. in liquidation v. Italy, no. 38746/97, § 32, 3 July 2003). This does not, however, mean that the Court's supervisory role on this issue is entirely ousted as it must verify whether Article 1 of Protocol No. 1 has been correctly applied (see Orion-Břeclav, s.r.o., v. the Czech Republic (dec.), no. 43783/98, 13 January 2004).[3]'*

33. Illi wkoll fid-deċiżjoni ***Mamidakis vs Greece*** (Application no. 35533/04), deċiża fil-11 ta' Jannar 2007, il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

[3] Ara **Valico S.R.L. vs Italy** deciza 21/03/2006.

> *The impugned fine constituted interference with the right guaranteed by the first paragraph of Article 1 of Protocol No. 1, because it had deprived the applicant of a possession, namely the amount that he was required to pay. That interference was justified in accordance with the second paragraph of that Article, which expressly provided for a derogation where the payment of taxes or other contributions or penalties was concerned. However, that principle had to be interpreted in the light of the general principle referred to in the first sentence of the first paragraph and there thus had to be a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised. Accordingly, the financial obligation arising from the payment of a fine was capable of impairing the guarantee enshrined in that provision if it imposed an excessive burden on the person concerned or fundamentally affected his financial situation. In the present case the impugned interference had been in conformity with domestic legislation and satisfied the demands of the general interest, namely the punishment of smuggling. As to the requirement of proportionality between the interference with the applicant's right and the general-interest aim pursued, the fine imposed had been extremely high. In those circumstances, even taking into account the margin of appreciation enjoyed by contracting States in such matters, the imposition of the fine in question had dealt such a blow to the applicant's financial situation that it amounted to a disproportionate measure in relation to the legitimate aim pursued.*

34. Mit-testimonjanza ta’ Brian Farrugia tas-16 ta’ Marzu 2017[4] u dik tas-27 ta’ Ottubru 2022[5] *qua* Direttur u in rapprezentanza tal-Awtorità tat-Trasport f’Malta jirrizulta s-segwenti: (i) illi vetturi reġistrati l-esteru igawdu minn seba’ (7) xhur ċirkolazzjoni f’Malta fejn mhuwiex meħtieġ permess, jew reġistrazzjoni u dana kif jirriżulta mill-Kap 368 tal-Liġijiet ta’ Malta; (ii) illi *in vista* tal-fatt illi l-appellant kien stabbilixxa r-residenza primarja tiegħu f’Malta, l-appellant kien jeħtieġ illi jirreġistra l-vettura tiegħu u jħallas t-taxxa ta’ reġistrazzjoni dovuta skont dak provdut fit-tieni skeda tal-Kap 368; (iii) illi b’referenza għad-dokument *DD8 a fol 25* tal-atti, ix-xhud

[4] Vide testimonjanza a fol 65 *et seq*.
[5] Vide testimonjanza a fol 80 *et seq*.

spjega illi l-Kap 368 jikkontempla eżenzjoni għal min ikun biddel ir-residenza tiegħu għal Malta u jidher illi l-appellant ġie gwidat għall-formola appożita; (iv) illi l-eliġibbiltà *o meno* tal-appellant għal din l-eżenzjoni hija determinata minn Bord taħt l-awspiċi tal-Ministeru tal-Finanzi; (v) illi l-Kap 368 jagħmel distinzjoni bejn vetturi importati minn stati membri tal-Unjoni Ewropea, u dawk importati minn stati terzi, fejn dawk tal-aħħar huma intaxxati aktar wara l-ħames sena mid-data tal-manifattura tal-vettura; (vi) illi fir-rigward ta' vetturi importati minn stati membri hemm żewg formoli matematiċi li permezz tagħhom tinħadem it-taxxa dovuta skont il-kategorija speċifika tal-vettura; (vii) illi l-Kap 368 jagħti dritt ta' qbid fuq bażi *prima facie* lill-Awtorità, u ġialadarba vettura tiġi maqbuda, it-taxxa ta' reġistrazzjoni trid titħallas. (viii) illi indirettament il-liġi tħeġġeġ biex ma jiġux impurtati vetturi antiki fil-pajjiż; (ix) illi similment għal vetturi impurtati minn stati membri, vetturi impurtati minn pajjiżi terzi, l-ebda taxxa ta' reġistrazzjoni mhi dovuta għall-ewwel erba' snin mid-data tal-manifattura.

35. Il-vettura tal-appellant, tal-għamla *Kia Carnival*, bin-numru ta' reġistrazzjoni 5-1540962 kienet manifatturata fis-sena 2008 u hija klassifikata bħala vettura privata tat-tip M1, b'*seating capacity* ta' 7 +1. Illi l-vettura kienet oriġinarjament reġistrata l-Libja. Illi skont ir-rapport imħejji mill-Perit Tekniku Natalino Agius *a fol 63 et seq* tal-atti, jirriżulta illi fis-sena 2016, il-vettura tal-appellant kellha valur ta' tlett elef ewro (EUR

3000), b'dana illi llum il-vettura għandha valur ta' ċirka elf ewro (EUR 1000).

36. Mir-riżultanzi probatorji jirriżulta illi t-taxxa applikabbli fuq il-vettura tal-appellant hija dik ta' EUR 18,967, *stante* t-trapass ta' tmien (8) snin mid-data tal-manifattura, u tal-fatt li l-vettura ġiet ikkunsidrata bħala vettura li għandha *CO2 emissions* ta' aktar minn 250g/km. Illi wkoll fil-każ tal-appellant kienet tapplika t-taxxa pre-determinata relattiva għal vettura bil-massimu ta' *CO2 emissions* permissibbli mill-Kap 368 peress illi l-vettura ma kinitx akkumpanjata minn dokument uffiċjali li jkun juri l-livelli ta' emissjonijiet.

37. Mill-provi in atti jirriżulta illi l-kriterju li huwa determinanti għall-ammont ta' taxxa ta' reġistrazzjoni imposta mill-Awtorità huwa *s-CO2 emmissions* tal-vettura, u dana wara illi l-liġi in deżamina kienet inbidlet fis-sena 2009. Illi permezz ta' dawn l-emendi it-taxxa ta' reġistrazzjoni bdiet tiġi determinata abbażi tal-emissjonijiet tas-*CO2* mill-vetturi, minflok iċ-ċilindrata tal-vettura.

38. Hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi t-tielet aggravju mhuwiex fondat. Ġie ripetutament ritenut illi:

> *"...l-istat ghandu latitudini pjuttost wiesgha fl-ezercizzju tad-dritt sovran tieghu li jiddeciedi meta, kif u f'liema dimensjoni ghandu jimponi taxxi jew kontribuzzjonijiet ohra meta jitqiesu r-realtajiet politici, ekonomici u*

*socjali fil-pajjiz minn zmien ghal zmien u sabiex jaghmel l-aggustamenti necessarja fil-legislazzjoni relevanti kif jidhirlu gust u xieraq. Dawn huma mizuri ceratment ghal skop pubbliku u fl-interess generali."* [6]

39. Illi però jeħtieġ illi:

*"Biex l-impozizzjoni ta' taxxa tkun ġustifikata skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 1 fuq imsemmi, iżda, hu meħtieġ li t-taxxa imposta ma timponix piz eċċessiv fuq il-persuna intaxxata jew tinterferixxi fondamentalment fis-sitwazzjoni finanzjarja taghha*[7]*ghaliex altrimenti dik limposta tirrientra fil-qasam tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 1 u jkun meħtieġ li tiġi eżaminata ghall-konformita` o meno ma' dak il-paragrafu."*[8]

40. Illi huwa mgħallem ukoll li għal dak li jolqot l-aspett tat-taxxa fil-qafas tal-Konvenzjoni:

*"An individual' s right to enjoyment of his property is accordingly subject to the State's right to assess, levy and enforce contributions by way of tax under the second paragraph of Art. 1 of the First Protocol. The provision is to be interpreted in the light of the underlying principle in the first sentence of the first paragraph ... namely to achieve a fair balance between the general interest of the community and the protection of the fundamental rights of the individual. ... the imposition of tax would not generally be incompatible with Art. 1 of Protocol No. 1 unless it amounted to a de facto confiscation of some part of the taxpayer's possession. ... Measures taken to ensure the payment of taxes, or prevent defaulting are generally found compatible with the second paragraph. Consideration is given to whether the measure is of such a kind that it can reasonably be considered as necessary for the purpose and whether its application is grossly disproportionate"* [9]

41. Din il-Qorti taqbel mal-konklużjonijiet tal-Ewwel Qorti, u tqis illi ma jirriżultax li bit-taxxa msemmija ġie milqut id-dritt ta' proprjetà tal-

[6] Ara **Enrietta Bianchi et vs Avukat Generali et** deciza nhar l-24 ta' Gunju 2011 mill-Qorti Kostituzzjonali.

[7] Ara Dec. Adm. Com. Appl. No. 13013/87 **Wasa Liv Omsesidigt, Forsakringsblaget Valands Pensionsstiftelse and a group of approximately 15,000 individuals v Sweden**, 14/12/1988, The Law #1;

[8] Ara **Enrietta Bianchi et vs Avukat Generali et** deċiża nhar l-24 ta' Gunju 2011 mill-Qorti Kostituzzjonali.

[9] 29 Reid A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights (3rd Edit, 2008), §§ IIB – 404,
407, f'paġġ. 566 – 8

appellant. Lanqas ma tqis illi b'xi mod kien hemm interferenza li tista' titqies bħala sproporzjonata u li timmina sostanzjalment il-qagħda finanzjarja tal-istess appellant jew li tammonta għal abbuż mill-istat tad-dritt tiegħu li jimponi taxxi skont l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Illi hija l-fehma ta' din il-Qorti illi t-tħaddim tat-taxxa ta' reġistrazzjoni fuq vetturi ta' ċertu żmien fuqhom, skont jekk impurtati minn pajjiżi terzi jew mill-Unjoni Ewropea hekk kif indikata fil-Kap 368 tal-Liġijiet ta' Malta li għandhom emissjonijiet noċivi għas-socjetà, liema u b'sistema ta' taxxa kienet prevedibbli sa minn qabel mal-attur daħħal il-vettura f'Malta mil-Libja hija *entro* l-parametri tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 1 u għalhekk ma ssibx illi kien hemm leżjoni tad-drittijiet fondamentali tal-appellant. B'żieda ma' dan ma jreġġix l-argument li t-taxxa ta' vetturi importati minn barra l-Unjoni Ewropea hi ħafna ogħla mit-taxxa ta' vetturi importati mill-Unjoni Ewropea. Il-leġislatur għandu s-setgħa jimponi hu r-raġuni ta' taxxa applikabbli u sakemm it-taxxa tagħmel distinżjoni bejn vetturi minn jew barra mill-Unjoni Ewropea ma jistax ikun hemm vjolazzjoni ta' drittijiet. Dan apparti li pajjiżna għandu obbligi differenti naxxenti mill-isħubija fl-Unjoni Ewropea.

42. B'referenza għar-raba' aggravju u ż-żamma tal-vettura tal-appellant, l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll jikkomprendi tliet regoli distinti: l-ewwel regola, li tinsab fl-ewwel sentenza tal-ewwel paragrafu, hija ta' natura ġenerali u tiddikjara l-prinċipju tat-tgawdija paċifika tal-proprjetà;

it-tieni regola, li tinsab fit-tieni sentenza tal-ewwel paragrafu, tittratta mit-teħid ta' possedimenti u tassoġġettah għal ċerti kundizzjonijiet; it-tielet regola, li tingħad fit-tieni paragrafu, tagħraf li l-Istati Kontraenti huma intitolati, fost affarijiet oħra, li jikkontrollaw l-użu ta' proprjetà billi jenforzaw dawk il-liġijiet li jidhrilhom meħtieġa fl-interess ġenerali. Dawn it-tliet regoli, iżda, m'humiex "distinti" minn xulxin fis-sens li m'humiex konnessi bejniethom: it-tieni u t-tielet regola jirrigwardaw każijiet partikolari ta' interferenza fid-dritt ta' tgawdija paċifika ta' proprjetà u għalhekk iridu jinfthemu fid-dawl tal-prinċipju ġenerali mistqarr fl-ewwel regola.[10]

43. Ġie ripetutament ritenut illi għandu jinżamm bilanċ ġust bejn l-esiġenzi tal-interessi ġenerali tal-komunità u l-ħtiġijiet tad-drittijiet fundamentali tal-individwu. Dan il-bilanċ ma jinżammx jekk il-persuna konċernata jkollha ġġorr piż individwali u eċċessiv.[11] Il-Qorti Ewropea f' ***Stolkowski vs Poland*** deċiża nhar il-21 ta' Diċembru 2021 irriteniet illi:

> *"The requisite fair balance will not be struck where the person concerned bears an individual and excessive burden (see Sporrong and Lönnroth v. Sweden, 23 September 1982, §§ 69-74, Series A no. 52, and Hábenczius, cited above, § 29).*
>
> *55. The application of provisional measures in the context of judicial proceedings, aimed at anticipating a possible confiscation of property, was already held to be in the "general interest" of the community (see, for example, Borzhonov v. Russia, no. 18274/04, § 58, 22 January 2009, and the cases cited therein; East West Alliance Limited v. Ukraine, no. 19336/04, § 187, 23 January 2014; and Džinić, cited above, § 65).*

[10] Ara **Stolkowski vs Poland** deċiża 21 ta' Diċembru 2021 u kif ukoll **Trimeg Limited v Malta**, 27 Settembru 2011, # 23; ara wkoll **Tre Traktorer AB v. Sweden**, 7 Lulju 1989, # 54; **Fredin v. Sweden**, [No. 1], 18 Frar 1991, #51; **Former King of Greece v. Greece**, 23 ta' Novembru 2000, #79, #89 deċiżi mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem.

[11] Ara ECHR **Sporrong & Lonnroth v Sweden**, 23 Settembru, 1982.

> *56. The Court reiterates that while any seizure or confiscation entails damage, the actual damage sustained should not be more extensive than that which is inevitable, if it is to be compatible with Article 1 of Protocol No. 1 (see Džinić, § 68 in fine, and Hábenczius, § 30 in fine, both cited above).”*

44. Kull interferenza fit-tgawdija ta’ dritt jew libertà rikonoxxuta mill-Konvenzjoni għandha tkun intiża biex tilħaq xi għan leġittimu. Il-prinċipju ta’ “bilanċ ġust” inerenti fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll fih innifsu jippresupponi l-eżistenza ta’ interess ġenerali tal-komunità. Għalhekk, hu meħtieġ li f’kull kaz li jinvolvi allegazzjoni ta’ vjolazzjoni ta’ dan l-Artikolu, il-Qorti trid taċċerta ruħha jekk kaġun tal-interferenza mill-Istat il-persuna konċernata kellhiex terfa’ piż sproporzjonat u eċċessiv.[12]

45. Iż-żamma ta’ bilanċ ġust tiddependi minn ħafna fatturi, u l-imġieba tas-sid tal-proprjetà, inkluż il-grad ta’ ħtija jew kura li wera, huma element wieħed minn kumpless sħiħ ta’ ċirkostanzi li għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni.[13]

46. Kif aċċenat qabel, il-vettura in kwistjoni kienet tintuża mill-appellant u l-familja tiegħu bħala mezz ta’ trasport u ġiet miżmuma mill-Awtorità fis-sena 2016. Mill-atti jidher illi l-appellant kera vettura oħra għal xi xhur, u eventwalment anke xtara vettura użata oħra. Mill-atti jirriżulta illi l-vettura kienet qiegħda tinżamm fil-magħluq f’*compound* imsakkar tal-Awtorità.

---

[12] **Emanuel Ciantar f'ismu proprju u l-kumpanija Maxkim Limited (C19754) v Avukat Ġenerali** deċiża nhar il-11 ta’ Awwissu 2014 mill-Qorti Kostituzzjonali.
[13] Ara **ECHR Agosi v. United Kingdom**, 24 Ottubru 1986.

Skont ir-rapport tal-espert Natalino Agius *a fol 63 et seq.*, jidher illi fis-sena 2016 il-vettura kellha valur ta' EUR 3000, u sas-sena 2021, u ċioè ħames (5) snin wara, il-valur tal-istess vettura naqas għal EUR 1000.

47. Il-Qorti ma tqisx illi a kawża taż-żamma tal-vettura, l-appellant ġie mgħobbi b'piż eċċessiv. Huwa evidenti illi l-miżura kontemplata fl-Artikolu 22A kif meħuda mill-Awtorità li taw lok għal diversi proċeduri li segwew iżda tehid mill-pussess tar-rikorrenti għax inqabad jużaha meta ma kinitx liċenżjata għall-użu f'Malta mhix konfiska kif qiegħed isostni l-appellant. Ukoll din il-Qorti taqbel mal-konklużjonijiet raġġunti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-proċeduri bin-numru *952/2016JRM,* illi effettivament kien l-appellant li ġab dan kollu b'idejh:

> *"Fuq kollox hareg ukoll illi dak li ghadda minnu l-attur proprio kien il-frott ta' nuqqas min-naha tieghu li nissel il-konsegwenzi li l-ligi tahseb ghalihom: qajla ghalhekk jista' jinghad li l-Awtorita tista' tahti ghall-hsara li jghid li garrab jekk kulma ghamlet kien li haddmet il-ligi;"*

48. Illi għalhekk u fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti ma tqisx illi ż-żamma tal-vettura tal-appellant tista' tissarraf fi vjolazzjoni tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll u l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, u għalhekk ir-raba' aggravju tal-appellant qiegħed jiġi miċħud.

***Il-Hames Aggravju***

49. Illi permezz tal-ħames aggravju, l-appellant jargumenta illi (i) huwa kien sprovvist minn mekkaniżmu biex jikkontesta l-konfiska bi ksur tad-

drittijiet fundamentali tiegħu għall-aċċess għall-Qorti u smigħ xieraq; u (ii) illi l-konfiska tal-vettura tiegħu u t-tentattiv li sar biex tinbiegħ l-istess vettura, waslet għal piena punittiva mingħajr ma huwa qatt kien imputat fi proċeduri ġudizzjarji kif jitlob l-Artikolu 21(2) tal-Kap 368. Jisħaq illi huwa ġie proċessat u nstab ħati mingħajr l-opportunità li jiddefendi lilu nnifsu bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

50. L-Avukat tal-Istat jirribatti illi jinsab perpless kif l-appellant qiegħed jisħaq illi ma kellux aċċess għall-Qorti skont id-dettami tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, meta kien hu stess li għamel użu minn dan ir-rimedju, meta l-kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju kienet proprju l-mezz kif huwa setgħa jikkontesta l-konfiska. Iżid illi l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ma jinkludux eżami ta' proċeduri relatati ma' kwistjonijiet ta' taxxa għaliex jipprovdu biss protezzjoni f'dak li għandu x'jaqsam ma' determinazzjonijiet relatati ma' drittijiet jew obbligi ċivili.

51. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"54. Fil-każ odjern, jirriżulta li r-rikorrent ippreżenta każ ta' stħarriġ ta' egħmil amministrattiv kontra l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, il-kawża 952/16JRM, li diġà saret referenza ampja għad-deċiżjoni mogħtija. Jirriżulta illi f'dik il-kawża, ġie mistħarreġ għemil amministrattiv tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, u ġie deċiż, b'mod ċar, li ma nstabx li kien hemm ksur ta' egħmil amministrattiv, iżda li dak li ġara kien kollu attribwibbli għan-nuqqasijiet tar-rikorrent billi huwa ma ħallasx it-taxxa dovuta fuq il-vettura impurtata, u b'hekk seħħet il-konfiska tal-vettura.*

*55. Dana kollu juri illi r-rikorrent, a differenza ta' dak minnu allegat, mhux biss kellu, iżda talli bbenefika wkoll minn mekkaniżmu biex jikkontesta l-għemil amministrattiv talAwtorità għat-Trasport f'Malta bil-mekkaniżmu ta' stħarriġ ta' għemil amministrattv ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*56. Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi, għal dak li jirrigwarda l-ħames talba, b'ebda mod ma jirriżulta li l-ilment ibbażat fuq l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 talKonvenzjoni Ewropea huwa ġustifikat.*

*57. Għaldaqstant, il-Qorti ser tiċħad ukoll il-ħames talba tar-rikorrent."*

52. B'referenza għall-ewwel parti ta' dan aggravju, din il-Qorti tagħmel piena referenza għal konsiderazzjonijiet magħmula minnha fil-paragrafi bin-numri 17 sa 21 sopra. Din il-Qorti ma tistax tikkondividi l-pożiżjoni tal-appellant sa fejn huwa qiegħed jisħaq illi ma kellux aċċess għall-Qorti u/jew għal mekkaniżmu li permezz tiegħu seta' jikkontesta l-għemil tal-Awtorità appellata meta l-istess appellant intavola proċeduri ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-Artikolu 469A quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li għaddew in ġudikat wara li ma sar l-ebda appell mill-istess, u intavola proċeduri ta' indoli kostituzzjonali quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha.

53. Illi l-Qorti lanqas ma ssib li huwa fondat il-kumplament tal-ilment tal-appellant hekk kif ċirkoskritt f'dana l-aggravju, u ċioè li l-appellant safa proċessat, misjub ħati u kkundannat għal piena punittiva mingħajr qatt ma kien imputat fi proċeduri ġudizzjarji. Fl-ewwel lok din il-Qorti tosserva illi l-appellant effettivament tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Ġudikatura Kriminali, fejn jinsab akkużat b'numru ta' reati skont il-Kap 368. Illi dawn il-proċeduri għadhom pendenti billi qed jistennew l-

eżitu ta' din il-kawza u l-appellant għandu wkoll dritt ta' appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.[14] Illi għalhekk huwa evidenti illi l-miżuri li ttieħdu kontra l-appellant sal-lum huma biss miżuri proviżorji, miżuri sanċiti mil-liġijiet applikabbli hekk kif ċitati fil-korp ta' din is-sentenza taħt l-intestatura.

54. L-argument tal-appellant ma jistax ireġi wkoll meta huwa evidenti illi kontra l-miżuri hekk kif imposti fuqu, l-appellant kellu l-fakoltà kollha li jagħmel użu mid-diversi rimedji ta' kontestazzjoni fil-liġi nkluż mandat ta' inibizzjoni biex ma jsir ebda bejgħ tal-vettura liema talba ġiet milqugħa u l-vettura għadha sal-lum miżmuma abbazi u *a tenur* tal-Artikolu 22A tal-Kap 368 mill-Awtorità appellata fil-*compund* tal-istess Awtorità b'dikjarazzjoni tal-istess Awtorità li ebda passi ma huma ser jittieħdu qabel il-proċeduri jingħalqu kollha.

55. B'żieda ma' dan bħala fatt ir-rikorrent ma ngħatax raġun fil-kawża 952/2016 li hi gudikat illum. Sal-lum għaddew tmien snin minn meta l-vettura ġiet maqbuda u għadha fil-pussess tal-Awtorità. Il-valur tal-vettura dejjem jonqos u llum sar wieħed baxx. Wieħed ma jistax jippretendi l-Awtorità żżomm fil-pussess tagħha vettura li fuqha ma tħallsitx taxxa. Ir-rikorrenti stess jagħmilha ċara li mhux jikkontesta li t-taxxa ta' reġistrazzjoni mhix dovuta iżda li t-taxxa mitlub iħallas hi eċċessiva

[14] Illi din il-Qorti *obiter* tosserva illi b'referenza għall-proċeduri kriminali fil-konfront tieghu, l-appellant għamel biss aċċenn *di sfuggita* quddiem l-Ewwel Qorti.

paragun mat-taxxa ta' vetturi importati mill-Unjoni Ewropea. F'kull kaz sal-lum ma offra li jiddepożita ebda ammont ta' taxxa ta' reġistrazzjoni.

56. Illi għalhekk dana l-aggravju qiegħed ukoll jiġi miċħud.

***Is-Sitt Aggravju***

57. Permezz tas-sitt aggravju, l-appellant jilmenta mill-fatt illi l-Ewwel Qorti sabet illi ma kien hemm l-ebda irraġonevolezza ta' żmien li fih ġew konklużi l-proċeduri bin-numru 952/2016. L-appellant jafferma illi minħabba dan id-dewmien fl-għoti tas-sentenza, hu ġarrab dannu, b'dana li hu kien imċaħħad mill-vettura tul dan iż-żmien kollu, tant li kellu jixtri vettura oħra, minkejja li l-kaz odjern kien fuq punt legali li dwaru ġew deċiżi diversi kawżi, u l-provi prodotti kienu mill-anqas.

58. L-Avukat tal-Istat isostni illi l-ilmenti dwar dewmien għandhom jiġu eżaminati fir-rigward tal-proċeduri fl-intier tagħhom u mhux biss rigward xi differimenti speċifiċi. Iżid illi l-allegazzjoni magħmula mill-appellant fir-rigward tal-vettura l-oħra li kellu jixtri, hija waħda żvijanti b'dana illi t-tieni vettura nxtrat f'Jannar tas-sena 2017, meta l-appellant kien għadu lanqas għalaq il-provi tiegħu, b'dana illi ċertament ma kienx it-trapass taż-żmien illi Qorti ħadet sabiex tagħti s-sentenza illi wassal lill-appellant jixtri vettura oħra. Illi l-Awtorità da parti tagħha tenniet illi tali ilment ma għandux ikun dirett lejha *stante* li hi mhix il-leġittimu kontradittur, b'dana illi kwalsiasi

dewmien li qed jilmenta minnu l-appellant, ma kienx ikkawżat mill-Awtorità.

59. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti osservazzjonijiet għar-rigward:

> "*Jiġi osservat fl-ewwel lok, li f'dak il-każ ġie ippreżentat fl-24 ta' Ottubru 2016. Jirriżulta mill-atti ta' dak il-każ li l-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet finali tal-partijiet fil-15 ta' Novembru 2017, wara li ngħalqu l-provi tal-partijiet, u s-sentenza ngħatat fit-23 ta' Jannar 2020.*
>
> *Il-Qorti tosserva li, wara li qieset l-atti proċesswali, in-natura u l-kumplessità ta' dak ilkaż, kif ukoll in vista tal-konsiderazzjoni ġenerali tal-atti ta' dak il-każ, inkluż l-imġieba proċesswali tal-partijiet, u l-mod kif il-proċeduri ġew trattati u kondotti, hija tqis illi ma kien hemm l-ebda irraġonevolezza ta' żmien, u tqis illi, għalkemm kull każ għandu jitqies skont il-fattispeċje tiegħu, it-terminu meħud fil-każ odjern biex tiġi deċiża dik il-kawża ta' natura ta' stħarriġ ġudizzjarju ma jistax jingħad li huwa eċċessiv.*
>
> *Konsegwentement, tiċħad is-sitt talba tar-rikorrent.*"

60. Mill-atti jirriżulta illi: l-ewwel udjenza quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kienet nhar is-6 ta' Diċembru 2016. Ir-rikorrenti għalaq il-provi tiegħu fit-13 ta' Lulju 2017, u ċioè ċirka seba' xhur wara l-ewwel udjenza. Illi t-trattazzjoni finali saret fil-15 ta' Marzu 2018. Illi bejn il-15 ta' Marzu 2018 u it-23 ta' Jannar 2020, il-ġurnata li fiha ngħatat is-sentenza, kien hemm seba' differimenti. Illi f'żewġ okkażjonijiet is-seduti ġew differiti minħabba indispożizzjoni tal-Imħallef presedenti. Illi jirriżulta illi s-sentenza ngħatat wara sena u għaxar xhur mit-trattazzjoni finali, b'dana illi l-proċeduri ħadu total ta' ċirka tliet snin.

61. Ġie ritenut illi:

> *"Hu ormai ben assodat, kemm fil-gurisprudenza tal-Qrati nostrana kif ukoll f'dik tal-Qorti Ewropeja li, biex jigi accertat jekk it-tul ta' zmien li hadu l-proceduri kienx ragjonevoli jew le ghall-finijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni ghandhom jigu ezaminati c-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz b'mod partikolari l-komplessita` tal-kaz li kien qed jigi deciz, kif gab ruhu r-rikorrenti fil-kors tal-proceduri li huwa qed jilmenta minnhom, kif imxew il-Qrati fil-kors tal-istess process u x'kellu x'jitlef ir-rikorrenti bhala konsegwenza tal-istess proceduri, oltre, ovvjament, kemm effettivament dam biex jigi deciz b'mod finali l-kaz. (Vide Frydlender v. France GC no. 30979/96, § 43, ECHR 2000-VII)".*[15]

62. Minn eżami tal-atti, din il-Qorti ma riskontrat l-ebda dewmien irraġonevoli li għalih l-attur qed ibati xi konsegwenzi u li għandu jiġi kkumpensat għalih. Wara kollox ladarba l-azzjonijiet tal-attur ma kellhomx eżitu pożittiv, li jfisser li ż-żamma tal-vettura kienet ġustifikata, ma jistax jingħad li ġarraf preġudiżżju sakemm damu għaddejjin il-proċeduri li kien iġarrab li kieku nstab illi l-vettura nżammet illegalment.

**Is-Seba' Aggravju:**

63. Illi b'referenza għas-seba' aggravju tal-appellant, fid-dawl tal-fatt illi din il-Qorti ma rriskontrat l-ebda vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tal-appellant hekk kif protetti mill-Konvenzjoni u l-Kostituzzjoni, din il-Qorti ma tqisx illi għandha tillikwida kumpens ulterjuri.

64. Artikolu 13 tal-Konvenżjoni

Billi ma nstab ebda leżjoni ta' drittijiet fil-konfront tar-rikorrenti u b'rabta mal-ewwel aggravju fuq ġia konsidrat ma jistax ikun hemm leżjoni taħt l-Artikolu 13 billi ebda dritt tiegħu ma ġie mittiefes.

---

[15] Ara **Joseph Gatt et vs Avukat Ġenerali** tat-28 ta' Frar, 2014.

**Decide:**

**Għal dawn il-motivi, din il-Qorti, filwaqt li tilqa' t-tieni aggravju tal-appellant fis-sens li l-Awtorità tat-Trasport hi wkoll leġittimu kontradittriċi għal uħud mit-talbiet tar-rikorrenti, billi fil-mertu t-talbiet tar-rikorrent qed jiġu miċħuda, tiċħad l-appell tal-attur u tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti tal-31 ta' Ottubru 2023 safejn kompatibbli ma' din is-sentenza. L-ispejjes ta' dan l-appell għandhom jitħallsu mill-attur appellant.**

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss